MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2008

Avviz Numru. 273/2007

**Jane Gerada**

**vs**

**Joseph Fenech**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tal-attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta’ tlett elef disa’ mija u tlieta u tletin Lira Maltin u hamsa u disghin centezmu (LM3,933.95,0) rapprezentanti l-bilanc dovut fuq self tas-somma akbar ta’ erbat elef mija u erbgha u hamsin Lira Maltin (LM4, 454.00,0) rizultanti mill-annessi skritturi privati mmarkati “Dok. JG1” u “Dok JG2”;**

**Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut, minn issa ngunt ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tal-attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fis-27 ta' Mejju tas-sena 2008 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' tlett elef disa' mija u tlieta u tletin Lira Maltin u hamsa u disghin centezmu (LM3,933.95,0) ekwivalenti ghal disat elef mija u sitta u sittin Ewro u ghaxar centezmi (€9,166.10);**

**Bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------